MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Numru. 81/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**LUDWIG CASSAR**

**(ID: 158880M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **LUDWIG CASSAR** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 158880(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Frar 2009 ghal habta tas-saghtejn u ghaxra ta' filghodu (02:10am) barra l-istabbiliment Footloose li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 157 Brian Mifsud u PC 750 Terry James Mallia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 157 Brian Mifsud u PC 750 Terry James Mallia, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' uniform tal-pulizija liema hsara ma tiskorrix Ewro 50 ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta.

4. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

5. Qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

6. Meta hekk mitlub naqas jaghti sewwa ismu, kunjomu u partikolarijiet ohra lill-Pulizija.

7. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-akkuzat bhala recidiv.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Frar 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja li gie mmarkat bhala Dok. TMP1, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. TMP2 u fedina penali tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. TMP3.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta llum 12 ta' Gunju 2014.

Rat illi din is-sentenza kienet ilha tigi differita ghall-provi tad-difiza ripetutament sa mis-7 ta' Lulju 2010.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2014 u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2014.

Semghet lill-avukat difensur tal-imputat jittratta l-kaz ai fini ta' piena u dan fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2014 u jitlob lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat tressaq il-Qorti nhar l-1 ta' Frar 2009 u gie akkuzat fuq reati li ghandhom x'jaqsmu ma' vjolenza fuq ufficjali pubblici waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Dawn ir-reati fil-fehma tal-Qorti huma reati serji hafna u dan ghaliex jistghu jaffettwaw is-serenita' fil-pajjiz. Mhux gust u accettabli li ufficjal tal-pulizija li jkun qieghed jaqdi d-dmir tieghu u jipprotegi c-cittadin jigi vjolentat u ferut. Tali komportament mhux gustifikabbli u zgur li mhux

ser isib l-ebda sostenn f'ghajnejn din il-Qorti. Infatti l-legizlatur hass li ghandu jiehu hsieb li tali ufficjali pubblici ghandhom ikunu protetti u in effetti l-piena f'dawn it-tipi ta' reati llum zdiedet minn meta l-imputat tressaq il-Qorti kemm in kwantu ghal piena ta' prigunerija anke in vista tal-multa li din il-Qorti tista' tinfliggi, pero' tali ammenda giet fis-sehh b'Att V tas-sena 2014 u ghalhekk mhux applikabbli ghall-kaz in desamina.

Il-Qorti rat ix-xhieda moghtija minn **PS 157 Brian Mifsud** moghtija ftit wara li sehh l-incident mertu tal-kawza u dan spjega kif nhar l-1 ta' Frar 2009 huwa kien qed jaghmel xi spezzjonijiet f'xi postijiet ta' divertiment gewwa Paceville u meta wasal fil-post maghruf bhala Footloose ra lill-imputat ipejjep sigarett. Dan mar fuqu u talbu ghall-*particulars* tieghu pero' ma tahomlux u ghalhekk talbu biex johrog barra halli jkun jista' jkompli bl-investigazzjoni tieghu u appena hargu barra l-imputat tefa' s-sigarett mal-art. Huwa gibidlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt u l-imputat beda jidghi. Huwa fil-fatt kien ta particulars zbaljati tieghu fis-sens li qal li jismu Alex Grima u li twieled fit-18 ta' Gunju 1980 u qallu wkoll li hu kien joqghod 18, St. Michael's Alley, Zabbar.

Jghid li huwa dak il-hin xtaq jivverifika dawn il-*particulars* mas-sistema tal-PIRS u nel frattemp l-imputat beda jsir aggressiv fil-konfront tieghu tant li qallu li kien ghadu hiereg minn ghoxrin xahar habs u li ma kien ser jitlef xejn jekk imiss lilhom. Huwa rega' talab lill-imputat ghall-particulars tieghu u dan beda jghajjat u wiegbu li kien ser isibhom wiehed wiehed. L-imputat baqa' jidghi u jheddidhom u x-xhud avzah li jekk ma kienx ser jieqaf u jaghtih il-particulars tieghu kien ser jarrestah. Dak il-hin l-imputat kien ser jtilaq minn fuq il-post u x-xhud mar sabiex jarrestah u kien dak il-hin li l-

imputat hebb ghalih u beda jimbuttah u jxejjer idejh fid-direzzjoni tieghu u tal-kollega tieghu. Ghal darb'ohra qallu li kien ser jarrestah u dan irrepeta li kien ghadu hiereg minn ghoxrin xahar habs u ghalhekk ma kellux x'jitlef. Dan rega' hebb ghalih u kien dak il-hin li huwa flimkien mal-kollega tieghu arrestawh. Ikkonferma li waqt l-incident l-imputat qattalu l-flokk tas-servizz tieghu u PC 750 kien tilef wiehed min-numri ta' fuq il-gakketta tal-uniformi tieghu. Huwa esebixxa l-flokk tas-servizz imqatta li gie mmarkat bhala Dok BMF 1. Spjega li l-imputat beda jigbdu mill-flokk u spicca carratlu l-flokk. Jghid ukoll li l-imputat beda jxejjer bil-ponn fid-direzzjoni taghhom pero' ma laqtux ghax ghamel pass lura.

**PC 750 Terry James Mallia** ikkonferma dak kollu li qal ix-xhud precedenti u kkonferma li kien mieghu l-hin kollu. Huwa gharaf l-imputat odjern bhal tal-istess persuna li fil-fatt kien hebb ghalihom. Ikkonferma wkoll li kien ta l-*particulars* zbaljati tieghu u li kien qed ixejjer bil-ponn ghalkemm ma laqathomx. Ikkonferma wkoll li kien qalaghlu n-numru tal-gakketta tal-uniformi tieghu u ma rnexxilux jirkuprah.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-28 ta' April 2010 fejn Dr Joseph Brincat ghall-imputat ma kienx qed jikkontesta s-sentenza esebita fl-atti moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-9 ta' Lulju 2007 esebita a fol 37 immarkata bhala Dok MTP 2 fejn instab hati fuq reati dwar ksur ta' l-ordinanza tat-taffiku.

Din il-Qorti hawn ghandha kaz kiefer fejn bniedem hebb u ingurja zewg ufficcjali pubblici waqt id-dmirijiet taghhom. Min ikun responsabbli ghal agir bhal dan irid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta' piena adegwatament

harxa. Bhalma qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici'</u>** moghtija nhar il-11 ta' Novembru 2004 fejn intqal:

*"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra."*

Ghalhekk, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Raymond Rotin'</u>** deciza fid-9 ta' Frar 2010 mill-Qorti tal-Appell Kriminali meta javvera ruhu r-reat kontemplat fl-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, ir-regola ghandha tkun piena karcerarja b'effett immedjat. Il-gravita` ta' dan ir-reat tirrisjedi mhux fil-konsegwenzi li effettivament jirrizultaw, izda fil-potenzjalita` tal-hsara lill-ufficjal pubbliku kif ukoll fil-potenzjalita` tal-hsara ghall-ezekuzzjoni tal-ligi.

Peress illi l-akkuzi odjerni jikkoncernaw attakk, nuqqas ta' ubbidjenza u resistenza fuq ufficcjal pubbliku l-Qorti thoss li ghandha tibghat messagg lis-socjeta' li tali atteggjament mhuwiex accettabli w ghandu jigi censurat. Il-Pulizija Ezekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza' tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-ligi. Il-Qorti ghandha tinkoraggixxi

lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi ksur ta' ligi u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt li huwa recidiv u mhux talli hekk, minkejja li kien ghadu hiereg minn ghoxrin xahar habs u ghalhekk kien jaf il-hajja kiefra li jghaddi minn qieghed il-habs, xorta ma ddardax ihebb ghal pulizija u ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-cirostanzi ma tistax ma timponix piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 49, 50, 95, 96, 325 (d) u 338 (bb), (dd), (ee), (g) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat LUDWIG CASSAR hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundanah sitt xhur prigunerija effettivi.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------